Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 9/2018

Il-Pulizija

Vs

Ben Moussa Ridha

James Mifsud

Illum 11 ta' Dicembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Ben Moussa Ridha detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 51703L u James Mifsud detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 501671M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-28 ta' Mejju 2017 ghall-habta ta' 20:00hrs u 22:00hrs gewwa Salini Resort fi Triq il-Kosta, Naxxar:

1. Haddmu jew gieghlu jew ippermettew li jithaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat iehor simili, jew gieghlu jew ippermettew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li dejqu lill-girien li joqoghdu f'bini fil-qrib.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-

hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 553 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja tal-akkuza kif dedotta kontrihom. Rat l-Art 41(2)(a)(b) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannathom ghal multa ta' 500 Euro ( €500) kull wiehed.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' James Mifsud u Ben Moussa Ridha, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Jannar, 2018, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-Appell billi tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 2018, in kwantu din sabithom hatja, billi ssib lill-imputati mhux hatja tal-akkuza migjuba kontrihom.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti James Mifsud u Ben Moussa Ridha huma s-segwenti u cioe` :-

Illi bhala fatt, il-fatti li rrizultaw waqt is-smigh tal-kawza qatt u qatt ma setghu jwasslu ghal decizjoni ta' htija fuq l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellanti.

Illi mill-provi prodotti minn imkien ma rrizulta, imqar prova wahda li hija wahda, li l-akkuzati kellhom xi ness mas-Salini Resort.

L-unika post fejn gew imsemmija l-akkuzati kien fl-affidavit ta' WPC 377, li madanakollu ma marritx fuq il-post u strahet fuq li qalilha haddiehor.

Fil-fatt fl-affidavit ta' WPC 377 intqal li marru fuq il-post WPS 50 u PC 924, izda fil-fatt in kontro-ezami rrizulta li WPS 50 ma kinitx accediet fuq il-post.

Illi fil-fatt ma ngiebet ebda xhieda li b'xi mod twassal li torbot imqar remotement lill-akkuzati mas-Salini Resort. Lanqas biss gie ppruvat li dawn huma impjegati hemm,

ahseb u ara kemm setghu nstabu hatja li huma responsabbli ghad-daqq tal-muzika li allegatament saret fl-istess Salini Resort.

Illi lanqas biss ma ngiebet prova li l-akkuzati kienu fil-fatt f'xi hin prezenti fl-istess Salini Resort fl-allegat hin tal-incident.

Illi lanqas ma ngiebet prova ta' min huwa l-proprjetarju tal-lukanda jew l-operatur tal-istess jew ta' min huwa licenzjat biex jopera l-lukanda.

Illi fin-nuqqas ta' tali prova l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-imputat hati.

Semght lill-partijeti jittrattaw il-kawzza u dan fis-6 ta Novembru 2018.

Rat l-atti tal-kawza u semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat.

Illi **WPC 377 L. Spiteri** xehdet permezz ta' affidavit li gie prezentat fl-atti (fol. 2) u stqarret li fit-28 ta' Mejju, 2017 waqt li kienet xoghol ma WPC 377 l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar ghal-habta tal-10.00p.m, Maria Sammut, Lidia Sadocco u Henry Sammut marru jirraportaw li huma joqghodu ma genb il-lukanda Salina resort u fiz-zmien tas-sajf ikun hemm hafna storbju ta' muzika gholja gejja minn dan ir-resort. Stqarrew li dakinhar kien hemm pool party fejn kient qed tindaqq muzika gholja hafna. Qalu li din il-muzika bdiet fit-8.30p.m u kienet ghada ghaddejja sa dak il-hin stess.

Spjegat li Lidia Sadocco kellha ukoll recordigs fejn jinstema' l-istorbju li gej minn din ir-resort. Qalu li ma kienitx l-ewwel darba li ghamlu rapport fuq dan ir-resort u kienu marru l-Qorti izda kollox kien ghal xejn.

Rigward dan ir-rapport WPS 50 u PC 924 marru immedjatament fuq il-post fejn hemmhekk bdiet tintema il-muzika. Gew mitkelma Ben Moussa Ridha fil-kaariga tieghu ta' Guest relations u James Mifsud fil-kariga tieghu ta' Night Manager fejn qalulha il kienu n-nies responsabbli mill-Hotel. James Mifsud qalilhom li huma ghandhom permessi li l-musika tindaqq sal-11.00p.m u ghandu ordnijiet minghand ta' fuqu sabiex ma jitfix il-muzika qabel l-hdax ta' bil-lejl minhabba l-kuntratti li

kienu ffirmaw man-nies. Ben Mousa Ridha mar ma WPS 50 u PC 924 biex jaraw jekk il-muzika hix gejja minn fejn il-pool jew mill-Qawra fejn meta waslu hdejn il-pool dawn ivverifikaw li l-muzika kienet gejja minn hdejn il pool.

In kontro esami viva voce il-Qorti fis-seduta tat-18 ta Ottubru 2017 tispjega illi dakinhar tal-akkuza u cioe' fit-28 ta Mejju 2018 ma kienitx marret fil-hotel ghalkemm kient marret drabi ohra. Spjegat li dak li kient qalet fl-affiavit tghha kien dak li kienet qaltilha is-surgent biex iddahhal fir-rapport. Mistoqsija jekk tafx di scienza prorpja 'sar fil-hotel dakinhar tghid li ma tafx. Mistosija jekk hix certa li in effetti marritx WPC 50 tghid li sa fejn taf hi marret max-xufier.

**Andrew Sammut** xehed viva voce nhar it-18 ta Ottubru 2018 kkonferma li kien ghamel rapport nhar it-28 ta Mejju 2017 fejn irraporta li kien hemm storbju eccessiv li kien inaccettabli. Qal li semghu mill-gallerija tieghu minkejja li kien xi tletin metru 'l boghod. Qal li kien gej mill-Coast line Resort li jisimha Salina Resort. Qal li l-hoss kien gej mill-pool area tal-lukanda Coastline. Ir-resort jismu Salina resort. Qal li l-hoss jieqaf ghal-habta tal-10.55p.m. kull meta icemplulhom. Qal li id-decibel readings kienu ta' 60 u dan jafu ghaliex ghandu l-apparat.

**Maria Sammut** xhedet fl-istess jum taat-18 t Ottubru, 2017 u spjegat li tigi mart Henry. Ikkonfemrat li kienu ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar dwar musika eccessiva. Qalet li dakinhar kien hemm muzika eccessiva u ma setghux joqghod hemm avolja bil-bibien maghluqa. Qalet li dakinhar il-gurnata kollha bis-sound izda huma irraportaw ghall-habta tal-10.10p.m. Tghid li huma qedin xi tletin metru 'l boghod mill-pool.

**Lidia Sadacco** ikkonfermat li toqghod fil-vicin fi triq il-Bajjad, Salina u jinsabu faccata l-pool tas-Salina Resort. Ikkonfemrat li fit-28 ta Mejju 2017 ghamlet rapport li kien gej hafna storbju mill-pool u minkejja li kellha l-bibien mghaluqa lanqas setghet tisma t-television. Tghid li cemplu kemm il-darba lil Hotel u kien ikellimhom James. Qalet li tisma' hoss ta' muzika, u tghid li ikun hemm ukoll min jghamel entertainment bil-mircophone ukoll.

Ikkunsidrat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija v. Noel Buhagiar**[1],il-Qorti spjegat illi :

> *"Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t'apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi".*

L-istess inghad ricentement mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi**,[2] fejn intqal li :

> *"kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.* (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[3]**"** ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**[4]**"; "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[5]**"**

LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY, fis-sentenza , "**R. v. Cooper**" (1969) qal:

*The court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2008

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-20 ta Marzu 2017

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta Mejju 1994

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta Lulju 1994

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta Mejju 2002

*weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[6] .

Illi huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha sal grad ta' '*beyond reason doubt'* u l-imputat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn izda jistrieh fuq il-provi prodotti mill-prosekuzjznibiex jipprova l-innocenza tieghu. Huwa biss jekk irid jipprova xi haga hu li ghandu iressaq il-provi in sostern ta dak li jrid jipprova.

Illi f'dan il-kaz l-appellant kien akkuzat talli haddem jew gieghel jew ippermetta li jithaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat iehor li ikkagunaw hsejjes qawwija il idejqu l-girien li joqghodu fil-vicin.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok l-proskeuzzjoni trid tipprova li l-appellanti kienu responsabbli ghal dak li kien ghaddej fis-Salina Resort.

Il-prosekuzzjoni resqet bhala provi l-affidavit ta' WPC 377 u minn esami tal-istess jintqal hafna affarjiet pero' meta in effetti xehdet in kontro esami viva voce il-Qorti irrizutla li in effetti lanqas ma marret fuq il-post dakinhar tar-raport u strahet biss fuq dak li qaltilha is-Surgent biex tikteb fl-okkkorenza u hi hekk ghamlet. Ghalhekk dak kollu li qalet kemm fl-okkorrenza kif ukoll viva voce jammonta ghal hear say biss. Ix-xiehda ta' din l ufficjali tal-pulizija hija, ghalhekk, "xhieha fuq kliem haddiehor" ("hearsay evidence") fis-sens ta' l-Artikolu 598 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tiehu qies taghha.

Il-prosekuzzjoni pero' resqet uhud mill-girien ta' dan ir-Resort u cioe lil Mary u Henry konjugi Sammut u lil Lidia Sadacco u ilkoll ikkonfemraw li dakinhar tat-28 ta Mejju, 2017 kien hemm hsejjes qawwija gejjin mill-fond Slina Resort. Din il-prova wahedha pero' mhix bizzejjed sabiex jisntab htija fuq l-appellanti ghaliex ma ingabet l-ebda prova li torbot lill-appellanti mal-fond in desamina.

Il-prosekuzzjoni messha ppreeznentat il-licenzja li dan il-fond ghandu biex jopera mahrug mill-Awtorita' tat-Turismu sbiex b'hekk jigi stabilit min hi l-persuna responsabbli ghal-

[6] Confer also: BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

gestjoni ta l-istess. Mhux bizzejjed li titla xhud f'dan il kaz Lidia Sadacco u tghid li meta tisma l-musika iccempel lil certu James u l-muzika titbaxxa.

Ghaldaqstant f'dan il-kaz din il-Qorit thoss li l-aggravju tal-appellant u cioe' li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ghandu jintlaqa' u dan meta tara li kif gustament irrimarka l-appellant ma hemm xejn fil-provi akkwiziti li torbot lill-appellanti mal-kontavenzjoni moghtija u ghalhekk qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka s-sentenza mgohtija mill-ewwel Qorti u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur